# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.6: Ġesùù jħobb lit-tfal tassew**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jifhmu kemm Alla wriena l-imħabba tiegħu permezz ta' Ġesù.

b) Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù mat-tfal.

c) Jagħrfu kif Ġesù ġab ruħu mall-kbar.

d) Jifhmu Ġesù x'għamel għat-tfal.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint – stampa ta' tfal jgħannqu lil xulxin.
- Klipp jisimha: Storja animata ta' *Jesus Loves Children.*
- Karta' ta' Taħriġ: 2.4.



**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-istampa minn fuq il-Powerpoint ta' tfal jitgħannqu u staqsihom jiddiskrivu l-istampa: X'qed jaraw, għalfejn jaħsbu li qed jitgħannqu, Kif jidhru li qed iħossuhom u għalfejn qed iħossuhom hekk.

- Oħroġ mid-diskussjoni l-ferħ li nħossu meta nkunu ma' xi ħadd li nħobbu u okkażjonijiet meta aħna stess nistgħu nuru dan il-ferħ.

- Fakkar fil-ktieb tal-Bibbja u semmi l-fatt kemm Ġesu' kien jgħin u jfejjaq u jgħallem lit-tfal.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Uri l-vidjow-klipp ta' kif Ġesù ttratta mat-tfal.
- Iffoka fuq l-istorja animata ta' Ġesù mat- tfal.
- Spjega l-ferħ tal-ommijiet meta raw lil Ġesù, l-entużjażmu tat-tfal li jkellmu lil Ġesù, il-mod kif l-appostli dehru nkwetati li ħa jqajmu lil Ġesù u allura li ma ridux iħallu lit-tfal jersqu lejh, il-ferħ tat-tfal meta raw lil Ġesù ġej.
- Stieden lit-tfal biex jaħsbu u jiddiskutu x'jaħsbu li qalilhom Ġesù lit-tfal, forsi xi risposti jkunu: x'jisimhom, xi storja li qalilhom u li huma għandhom iħobbu u jgħinu.
- Stieden lit-tfal iħarsu lejn il-karta ta' taħrig 2.4. Spjega l-karta ta' taħriġ u għin lit-tfal biex ipenġu b'kulur addattat l-istampa. It-tfal għandhom ukoll jiktbu isimhom.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tħeġġeġ lit-tfal biex japprezzaw il-fatt ta' kemm Ġesù jħobbhom tassew u allura kemm għandhom jaħdmu biex jgħixu sew u jħobbu lil xulxin.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla Missier iħobbna tassew.
2. Alla bagħat lil Ġesù għalina.
3. Ġesù kien għajjien imma xorta ltaqa' mat-tfal.
4. Ġesù jħobb lit-tfal tassew.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Kemm hi kbira l-imħabba ta' Ġesù għalina u għalhekk ejjew naraw llum kif nistgħu ngħixu bl-aħjar mod possibbli flimkien.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- L-istorja animata ta' Ġesù jfejjaq lil tfal differenti u meta Ġesù ltaqa' mat-tfal.



**Nitolbu**

Grazzi Ġesù ta' kemm tħobb tassew

lilna t-tfal u għinna biex dejjem nagħmlu

dak li tixtieqna int.

